**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

**13 ta' Jannar 2021**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 20.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**20.1.1 Ma kienx hemm, kulħadd kien preżenti għal-laqgħa.**

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**20.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-**

**approvazzjoni. Ma kienx hemm korrezzjoni.**

## 20.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**20.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.**

**Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

## 20.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**20.4.1 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għaddietlu r-rapport tal-performance bonus tagħha. Dan ġie diskuss u l-Kunsill qabel unanimament li għandha tieħu full performance bonus.**

## 20.5 Tweġ ibiet għ al mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

**20.5.1 Ma kienx hemm**

## 20.6 *Performance Bonus* tal-IPSL;

**20.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Robert Galea li qiegħed taħt l-iskema tal-IPSL ilmenta minħabba li qatt ma rċieva *performance bonus* bħal tal-CWSEF. Hija qalet li spjegatlu li l-kuntratt tiegħu huwa differenti minn tal-oħrajn. Is-Sindku, il-Viċl Sindku u l-kunsilliera kollha ħasbu li s-Sur Galea kien jieħu *performance bonus* bħal l-oħrajn.**

**Ghaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Galea jieħu daqs l-impjegati ta' CWSEF kull sena, bid-differenza li din is-sena se jkollu iktar biex nkunu nistgħu npattulu parti mis-snin li tilef.**

## Performance Bonus ta' Christian Callus;

**20.7**

**20.7.1** **Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li meta konna approvajna l-*performance bonus* tal-ħaddiema li qegħdin taħt l-iskema ta' CWSEF, s-Sur Christian Callus li qiegħed taħt l-istess skema kien għadu ma jaħdimx mal-kunsill. Hija qalet li s-Sur Christian Callus saqsieha għal performance bonus ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kunsilliera li s-Sur Callus l-ewwel ġurnata li beda jaħdem mal-kunsill, kienet fit-18 ta' Novembru.**

**Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jingħata pro rata tal-performance bonus.**

**20.8** **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

**20.8.1** **Ma kienx hemm.**

**20.9** **Rapporti mill-Kunsilliera;**

**Ma kienx hemm**

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

**Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 15 ta' Frar fl-erbgħa ta' wara nofsinhar.**

**Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum it-Tnejn 15 ta' Frar, 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |